

LINJI GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA

MODULU 2 - IL-LOGĦBA TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UE

Din il-logħba hija **idea tal-moħħ** li se tgħin lill-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mal-Istati Membri tal-UE. Hi logħba biex "issolvi l-kodiċi" li fiha l-istudenti jaħdmu flimkien fi gruppi li jikkompetu biex isibu kodiċi malajr kemm jista' jkun. L-għan ta' din il-logħba huwa li tqajjem il-kurżità tal-istudenti biex isiru jafu liema huma l-pajjiżi li jiffurmaw l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Wara li tintlagħab il-logħba, l-**għalliem jagħti aktar informazzjoni dwar is-suġġett**. L-għalliem jista' jagħżel ukoll li jiddiskuti l-fażijiet differenti tal-proċess ta' tkabbir, bl-għajnuna tal-preżentazzjoni.

METODOLOĠIJA	TUL TA' ŻMIEN	MATERJALI
Logħba edukattiva: L-Istati Membri tal-UE	20 minuta	<ul style="list-style-type: none">- <u>Sett ta' kards tal-pajjiżi</u> għal kull grupp- <u>Folja ta' dekodifikazzjoni</u> għal kull grupp- Mappa tal-Ewropa għal kull grupp (fakultattiva)
minuta	10-20 minuta	<ul style="list-style-type: none">- Kompjuter + projector- Preżentazzjoni tal-Modulu 2

OBJETTIVI U HILJET

ATTITUDNI

- L-istudenti jkunu ħerqana li jsiru jafu liema pajjiżi jiffurmaw l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

GĦARFIEN

- L-istudenti jafu liema pajjiżi huma Stati Membri fl-UE.
- Jistgħu jkunu jafu wkoll dwar l-adeżjonijiet differenti.

PASS, PASS

1. IL-LOGĦBA

ISSETTJAR

Il-klassi tinqasam f'timijiet ta' tliet sa erba' studenti. It-timijiet jikkompetu kontra xulxin.

PROĊESS

- Staqs lill-istudenti: "Bħalissa kemm hemm Stati Memrbi fl-UE?" Wara t-tweġiba, int tgħid lill-istudenti li issa huwa f'idejhom li jsiru jafu liema pajjiżi jsawru s-27 Stat Membru.
- L-ewwel nett, inti spjega l-logħba:
 - Kull grupp jirċievi sett ta' 40 kard. Fuq dawn il-kards, jidhru l-forma u l-ismijiet ta' 40 pajjiż.
 - L-ewwel ħaġa li l-grupp tiegħek jeħtieġ li jagħmel huwa li jagħżel is-27 Stat Membru tal-UE. Agħmlu dan kemm jista' jkun malajr.
 - Kull kard tal-pajjiż fiha ittra wkoll. Din hija parti minn "kodiċi" Iżżomm biss il-kards tal-pajjiżi li għażilt bħala Stati Membri tal-UE. Għandek bżonn l-ittri minn dawn il-kards, għax flimkien, dawn l-ittri jiffurmaw kodiċi.
 - Uża l-folja ta' dekodifikazzjoni biex issib il-kodiċi: indika l-ittri li tkun sibt.
 - Is-soluzzjoni hija sentenza bl-Ingliż.
- Agħti lil kull grupp il-materjal meħtieġ: sett ta' 40 kard, folja ta' dekodifikazzjoni u mappa tal-Ewropa (fakultattiva, sabiex ikunu jistgħu jaraw fejn jinsabu l-pajjiżi).
- L-ewwel grupp li jsolvi l-kodiċi, jirbaħ il-logħba.
- Ħalli lill-gruppi l-oħra jkomplu sakemm kollha jsolvu l-kodiċi.

Aktar ma l-istudenti jagħmlu żbalji waqt li jkunu qed jagħżlu l-Istati Membri tal-UE, aktar ikun diffiċli li tinstab soluzzjoni. Din mhijiex problema. L-aktar ħaġa importanti hija li kull darba li jiġbru kard, huma jistaqsu lilhom infushom: "Dan il-pajjiż huwa Stat Membru tal-UE jew le?" Wara li jilagħbu din il-logħba, huma se jkunu ħerqana ħafna li jiskopru liema pajjiżi huma l-Istati Membri tal-UE, li huwa l-għan ta' din il-logħba. Ovvjament, bħala għalliem, tista' tgħin lill-gruppi fil-proċess tal-għażla.

XI IDEAT

- Jekk ikollok gruppi b'saħħithom, m'għandekx bżonn tagħti ħafna informazzjoni dwar kif tintuża l-folja ta' dekodifikazzjoni: għandhom jiskopru waħedhom. Int għidilhom biss li s-soluzzjoni hija sentenza bl-Ingliż. Jekk għandek gruppi li jeħtieġu aktar għajjnuna, tista' tgħidilhom li jeħtieġu biss l-ittri mill-kards tal-pajjiżi li jkunu għażlu bħala Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Jekk isibu dawn l-ittri fuq il-folja ta' dekodifikazzjoni, ikunu jistgħu jaqraw il-kodiċi (is-sentenza) mix-xellug għal-lemin, minn fuq għal isfel.
- Is-soluzzjoni tikkonsisti f'27 ittra, waħda għal kull pajjiż. Dan ifisser li xi ittri jidhru diversi drabi. Pereżempju, meta l-istudenti jkunu għażlu kard ta' pajjiż li jkun fiha l-ittra "E" bħala kodiċi, dan impliċitament ifisser li l-kards kollha tal-pajjiżi l-oħra kollha li jidhru "E" huma korretti wkoll. Dan ifisser li l-istudenti jistgħu jindikaw immedjatament l-ittri "E" kollha fuq il-folja ta' dekodifikazzjoni. Jew inkella jistgħu jindikaw l-ittra ta' kull kard huma u jsibuhom. Xorta waħda r-riżultat finali jkun l-istess. L-aħjar hu li ma tikkondividix din l-informazzjoni mal-istudenti mill-bidu, iżda biss meta jistaqsu.

- L-istudenti x'aktarx mhux se jindunaw b'dan, iżda l-ittri fis-soluzzjoni jinsabu f'ordni tad-dħul fl-UE. Pereżempju, l-ewwel "C" tappartjeni għall-Belġju u l-aħħar "R" tappartjeni għall-Kroazja.

SOLUZZJONI

LET US BUILD OUR FUTURE TOGETHER

L	A	Y	V	P	E	C	V	J	K	T	M
M	J	U	A	S	K	M	N	P	B	C	V
N	K	A	M	U	V	N	Q	I	A	W	P
A	L	N	W	C	D	J	P	W	N	O	K
P	J	U	M	K	J	X	V	Y	R	C	M
V	M	C	A	F	K	M	N	U	A	N	J
W	N	T	P	V	J	A	Z	U	N	W	K
C	R	M	A	K	E	Q	A	J	T	P	M
N	A	O	J	G	W	M	Z	E	T	C	N
V	J	H	M	A	P	E	K	V	N	R	A

2. PREŻENTAZZJONI: DISKUSSJONI TAL-GĦARFIEN MIKSUB

ISSETTJAR

L-istudenti jpoġġu bilqiegħda biex ikunu jistgħu faċilment jaraw il-preżentazzjoni.

PROĊESS

Inti tuża l-preżentazzjoni mogħtija biex issemmi l-Istati Membri u l-fażijiet ta' tkabbir.

Il-preżentazzjoni tibda b'ħarsa ġenerali tal-Istati Membri attwali. Wara li tilgħab il-logħba, l-istudenti se jkunu kurjużi biex jaraw jekk it-tweġibiet tagħhom humiex korretti. Il-preżentazzjoni mbagħad tispjega meta sar kull tkabbir. Tista' tagħżel li tiffoka biss fuq l-Istati Membri attwali u ma tiddiskutix il-proċess ta' tkabbir. Tista' ssib [informazzjoni ta' sfond utli hawnhekk](#).

